Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 11/2011

**Il-Perit Michael Falzon u Saviour Balzan**

**-vs-**

**L-Avukat Ġenerali, Direttur Qrati Ċivili u Tribunali u l-Avukat Dottor Michael Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2011 li permezz tiegħu r-rikorrenti ppremettew illi:

1. **Introduzzjoni**

1.1 F'dan ir-rikors, l-esponenti qegħdin iressqu l-ilmenti tagħhom illi bis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Mejju 2010 u mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru, 2010 fl-atti tar-

rikors bin-numru: 219/2007/SM fl-ismijiet **"Dr. Michael Falzon vs Il-Perit Michael Falzon u / jew Saviour Balzan fil-kapaċita' tiegħu bħala l-Editur tal-Maltatoday"**, u b'mod partikolari bil-kundanna kontenuta f'dawk is-sentenzi biex iħallsu danni taħt l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta) lill-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon, ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom tal-liberta' tal-espressjoni kif sanċit fl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

1.2 L-esponenti qegħdin iressqu wkoll l-ilment illi fil-proċeduri ġudizzjarji msemmija fil-paragrafu preċedentiġie leż id-dritt tagħhom għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

1.3 Għalhekk, l-esponenti qegħdin jitolbu rimedju lil dina l-Onorabbli Qorti;

2. **Il-fatti**

2.1 L-esponenti Michael Falzon huwa artikolista illi b'mod regolari jesprimi l-opinjoni tiegħu f'diversi mezzi tax-xandir, fosthom il-ġurnali lokali, dwar materji li jkunu ta' interess pubbliku;

2.2 L-esponenti Saviour Balzan huwa l-editur tal-gażżetta "Maltatoday" – gażżetta illi fiha l-esponenti jippubblika artikoli b'mod regolari u għalhekk jikkomunika l-opinjoni, idejat u tagħrif illi huwa jkollu;

2.3 L-intimat, l-Avukat Dottor Michael Falzon, kien, fil-mument illi nbdew il-proċeduri ġudizzjarji impunjati bħala leżivi tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti f'din l-istanza, deputat mexxej tal-Partit Laburista u s'intendi involut b'mod attiv fil-kampanja illi ppreċediet l-elezzjonijiet ġenerali tas-sena 2007;

2.4 Ġara illi nhar il-Ħadd 6 ta’ Mejju 2007 l-imsemmi ntimat l-Avukat Dottor Michael Falzon ta diskors pubbliku ġewwa ċ-Ċentru Laburista, Rabat, Malta, fejn, fost affarijiet oħra, semma “e-mail” anonima illi kien irċieva, ittri ta’ theddid, rapport illi kien għamel direttament mal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, u diskors illi kien għadda bejnu u bejn l-istess Kummissarju tal-Pulizija;

2.5 Dan id-diskors pubbliku kien wassal għal diversi rapporti fil-meżżi tax-xandir lokali, fosthom pubblikazzjoni ta’ opinjoni da parti tal-esponenti Saviour Balzan;

2.6 L-esponenti l-Perit Michael Falzon ippubblika l-opinjoni tiegħu fl-artikolu intitolat *“Policing one’s enemies”* illi deher fil-gażżetta “Maltatoday” ta’ nhar il-Ħadd, 13 ta’ Mejju, 2007 u fejn – in suċċint – l-esponenti filwaqt illi bbaża ruħu fuq l-istess fatti dikjarati mill-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon fid-diskors imsemmi, esprima u kkomunika l-opinjoni tiegħu fuq l-istess. L-esponenti Saviour Balzan kien, fil-jum tal-pubblikazzjoni, l-editur tal-gażżetta “Maltatoday”;

2.7 Nhar is-17 ta’Lulju, 2007, l-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon ipproċeda b’kawża ta’ libell bir-rikors bin-numru 219/2007/SM kontra l-esponenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li b’sentenza mogħtija nhar l-4 ta’ Mejju, 2010 sabet illi l-artikolu tal-esponenti l-Perit Michael Falzon u ppubblikat mill-esponenti Saviour Balzan kien libelluż u malafamanti fil-konfront tal-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon u kkundannat lill-esponenti l-Perit Michael Falzon iħallas lill-imsemmi intimat l-ammont ta’ elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) u lill-esponenti Saviour Balzan iħallas l-ammont ta’ elf Euro (€1,000) kif ukoll illi l-ispejjeż ġudizzjarji jinqasmu ugwalment bejn l-esponenti;

2.8 L-esponenti appellaw minn din is-sentenza;

2.9 Permezz ta’ sentenza mogħtija nhar is-6 ta’ Ottubru, 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ċaħdet iż-żewġ appelli ppreżentati mill-esponenti u kkonfermat is-

sentenza appellata, bl-ispejjeż ġudizzjarji wkoll jinqasmu ugwalment bejn l-esponenti;

3. **Il-lanjanza tal-esponenti**

3.1 L-esponenti jħossu illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni ma kien fiha xejn libelluż u jew malamanti fil-konfront tal-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon billi tikkonsisti f'fatti sostanzjalment korretti liema fatti ġew imxandra u mistqarra pubblikament mill-istess intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon fil-jiem ta' qabel il-pubblikazzjoni u *inoltre* illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni hija espressjoni ta' opinjoni u kritika leġittima ta' persuna li kienet tokkupa l-kariga pubblika surreferita, permissibbli f'soċjeta' demokratika u illi għalhekk is-sanzjonijiet imposti fuq l-esponenti mill-Qrati fis-sentenzi fuq imsemmi illedew u qegħdin jilledu d-dritt fundamentali tal-esponenti tal-liberta' tal-espressjoni garantit lilhom kemm taħt l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

3.2 L-esponenti jissottomettu wkoll illi minkejja illi hija ġurisprudenza paċifika mhux biss tal-Qrati nostrani iżda wkoll tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem illi persuna f'kariga pubblika għandha tkun aktar tolleranti għal kritika da parti tal-meżżi ta' komunikazzjoni, fil-każ tal-esponenti, il-kundanna illi ssubixxew l-esponenti sservi biss sabiex toħnoq id-dritt tal-liberta' tal-espressjoni u b'hekk ġie illi dan id-dritt fundamentali tal-esponenti ġie leż;

3.3 *Inoltre* l-esponenti jirrilevaw wkoll id-dritt tal-liberta' tal-espressjoni tagħhom ġie leż meta l-Qrati ordinarji illi ddeċidew il-kawża ta' libell ppreżentata kontra tagħhom mill-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon ma apprezzawx illi l-artikolu in kwistjoni, apparti fatti dikjarati mill-istess intimat, kien jikkontjeni *"value judgement"* jew opinjoni li l-esponenti kellhom, huma jew min minnhom, kull dritt illi jikkomunikaw pubblikament;

3.4 Fiż-żewġ stadji – kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) – l-esponenti ssottomettew illi l-kawża ta' libell kontra tagħhom kienet ser tilledi d-dritt tagħhom għal-liberta' tal-espressjoni u din is-sottomissjoni ġiet injorata għal kollox mill-imsemmija Qrati;

3.5 L-esponenti jillanjaw wkoll illi apparti d-dritt fundamentali tagħhom tal-liberta' tal-espressjoni ġie wkoll leż id-dritt tagħhom għal smiegħ xieraq u dana kemm da parti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll da parti tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u dana għal raġunijiet illi ser jiġu spjegati fil-paragrafi li jmiss;

3.6 L-ewwel Qorti, ċjoe' l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illediet id-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq meta ddeċidiet li tisfilza n-nota ta' sottomissjonijiet ppreżentata mill-esponenti l-Perit Michael Falzon u dan kif ser jiġi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. Għalkemm l-esponent il-Perit Michael Falzon appella speċifikatament minn dan id-digret illi ordna l-isfilz tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, flimkien ma' l-appell mis-sentenza dwar il-mertu, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) injorat għal kollox l-appell tiegħu mill-imsemmi digriet u għalhekk ukoll anke din il-Qorti illediet id-dritt fundamentali tas-smiegħ xieraq tal-istess esponenti;

3.7 L-ewwel Qorti, ċjoe l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illediet iż-żewġ drittijiet fundamentali msemmija mill-esponenti, ċjoe' d-dritt tal-liberta' tal-espressjoni u d-dritt għal smiegħ xieraq, billi fost affarijiet oħra rreferiet għal allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet illi l-esponenti m'għamlux u ma mplikawx lanqas lontanament fl-artikolu. Per eżempju, dik il-Qorti rriteniet illi l-esponenti ma rnexxielhomx jippruvaw illi l-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon *"immanipola lill-Kummissarju de quo, jew li dan tal-aħħar sofra xi pressjoni tali li impedietu fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu".* Dawn l-allegazzjonijiet ma saru qatt mill-esponenenti u ma humiex lanqas implikati fl-artikolu. Lanqas huwa minnu dak imputat lill-esponenti a fol 15 u 16 tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u senjatament illi *"r-rikorrenti ġie ritenut*

*minħabba l-kariga li kien jokkupa fil-partit politiku li jimmilita fih u immanipula lill-Kummissarju tal-Pulizija”*; *“bl-aġir tiegħu r-rikorrenti żeblah lill-Korp tal-Pulizija billi wżah għall-finijiet personali tiegħu”* u *“r-rikorrenti hu xi deus ex macchina li minn wara l-kwinti jiġbed il-ħbula fil-Korp tal-Pulizija biex jilħaq l-għanijiet tiegħu”*. Dawn l-allegazzjonijiet kollha ma sarux mill-esponenti u ma jinstabux fl-artikolu. Dawn huma invenzjonijiet – imżewqa mhux ħażin – li saru biss mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li ladarba ma sarux mill-esponenti ma kellhom qatt iwieġeb għalihom;

3.8 Huwa għalhekk evidenti illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illediet id-drittijiet ta’ l-esponenti billi kkundannathom għab-bażi ta’ allegazzjonijiet li qatt ma kienu saru da parti tagħhom;

3.9 Min-naħa tagħha l-Qorti tal-Appell injorat għal kollox is-sottomissjojnijiet illi saru mill-esponenti fuq dawn l-invenzjonijiet u kkonfermat il-kundanna tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għab-bażi ta’ raġunament differenti pero’ ugwalment gratuwitu u li b’ebda mod ma jirriżulta. B’mod simili, għalhekk għalkemm mhux daqshekk estrem daqs dak tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) illediet id-drittijiet tal-esponenti billi kkonfermat il-kundanna tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fuq assunzjoni illi bl-ebda mod ma saret mill-esponenti fl-artikolu in kwistjoni;

3.10 Għalhekk in kwantu attribwiti fatti u ċirkostanzi li ma rriżultawx mill-provi, il-Qrati msemmija ma għamlux evalwazzjoni korretta u b’hekk illedew id-drittijiet tal-esponenti;

3.11 Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti qiegħed jitolbu umilment illi dina l-Onorabbli Qorti tagħtihom rimedju xieraq;

4. **Talba**

4.1 Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(1) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi bis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Mejju, 2010 u mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru, 2010 fl-atti tar-rikors bin-numru: 219/2007/SM fl-ismijiet **"Dr Michael Falzon vs Il-Perit Michael Falzon u / jew Saviour Balzan fil-kapaċita' tiegħu bħala l-Editur tal-Maltatoday"** u b'mod partikolari bil-kundanna kontenuta f'dawk is-sentenzi biex l-esponenti jħalsu danni taħt l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta) lill-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon ġie leż id-dritt fundamentali tal-esponenti tal-liberta' tal-espressjoni kif sanċit fl-Arttikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

(2) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi bis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Mejju, 2010 u mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru, 2010, fl-atti tar-rikors bin-numru: 219/2007/SM fl-ismijiet **"Dr Michael Falzon vs Il-Perit Michael Falzon u / jew Saviour Balzan fil-kapaċita tiegħu bħala l-Editur tal-Maltoday"** ġie wkoll leż id-dritt tal-esponenti għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

(3) fit-tielet lok, tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-driettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-Kostituzzjoni ta' Malta u dana, fost affarijiet oħra, billi tikkwantifika kumpens xieraq u adegwat għal-leżjoni mġarba mill-esponenti u tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-ammont hekk kwantifikat lill-esponenti;

u dana taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom.

Rat ir-risposta tal-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon, ippreżentata fit-18 ta' Marzu 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament jiġi rilevat li l-esponent m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u dan għas-sempliċi fatt li f'kawża ta' natura kostituzzjonali bħal dawk odjerni huwa l-istat li għandu jirrispondi għall-allegat ksur tal-libertajiet fondamentali tal-bniedem u ċertament mhux persuna individwali bħala l-esponent li agixxa bħala persuna li ħassu inġurjat minn artikolu stampat fuq il-Gażżetta Malta Today u agixxa skont il-liġi, kif kellu kull dritt jagħmel;

1.2 Illi l-esponent m'għandux l-poter u / jew il-funzjoni (u lanqas l-pretenzjoni) jipprojbixxi jew jissanzjona artikoli li jidhru fuq il-gażżetti jew fuq kwalunkwe tip ta' stampa iżda għandu d-dritt mogħtija lilu mill-liġi tal-Istampa (Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta) li jitlob id-danni għal dak li jkun ġie stampat jekk il-Qorti jidhrilha li hemm lok għal tali danni;

1.3 Illi jirriżulta mir-rikors promoter li qiegħdha tiġi attakata l-kostituzzjonalita' tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Mejju 2010 u mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010 u huwa lampanti li l-esponent m'għandu x'jaqsam xejn ma' l-għoti ta' tali sentenzi;

1.4 Illi l-uniku involviment tiegħu f'dawn il-kawżi kien li kien parti in kawża iżda kif ingħad hawn fuq huwa dejjem aġixxa fil-parametri tal-liġi;

Għalhekk huwa ċar li l-esponent ġie mħarrek inutilment u konsegwentement għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Illi, preliminarjament ukoll, ir-rikors promotur huwa wieħed frivolu, vessatorju u abbużiv tal-proċess

ġudizzjarju *ai termini* tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni *stante* li mhux għajr appell mid-deċiżjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' nhar is-6 ta' Ottubru 2010 u ta' nhar l-4 ta' Mejju 2010 rispettivament. Kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrali, din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' revizjoni u dan peress li m'hijiex il-funzjoni tagħha li tiddeċiedi jekk Qrati oħra ddeċidewx il-kawżi sew jew le, iżda biss jekk tali deċiżjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali.

2.1 Illi fil-każ in eżami jidher li l-Qrati msemmija kienu qegħdin jaġixxu fl-ambitu tal-Liġi meta taw is-sentenzi rispettivi tagħhom. Fil-fatt hawnhekk mhumiex qegħdin jiġu attakkati la l-liġijiet li permezz tagħhom il-Qrati in kwistjoni ħadu konjizzjoni tal-każ u taw is-sentenzi kontra r-rikorrenti u lanqas il-liġi dwar l-Istampa li tirregola każijiet bħal dawn. B'hekk a detta tar-rikorrenti stess fil-punt 3.1 tar-rikors promotur, meta jħidu li *'jħossu illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni ma kien fiha xejn libelluż u / jew malafamanti'* juri li dan ir-rikors huwa tentattiv ta' reviżjoni tas-sentenzi msemmija.

3. Illi, bla preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea Għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem qed jiġi rilevat illi in massima legali d-dritt ta' liberta' ta' espressjoni m'huwiex wieħed assolut u anzi huwa soġġett għal diversi limitazzjonijiet;

3.1 Illi l-Artikoli 10 tal-Konvenzjoni jgħid li l-ħtieġa li l-eżerċizzju tad-dritt tal-liberta' ta' espressjoni hija' *suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet, jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjeta' demokratika … u għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor',* fost limitazzjonijiet oħrajn.

3.2 Illi l-esponenti huwa tal-fehma li l-Qorti fiż-żewġ istanzi kkunsidrat il-bilanċ tas-sitwazzjoni u kkonkludiet li dak li kien qed jiġi allegat mir-rikorrent odjern ma kienx jikkonforma jew jikkorrispondi mal-verita',

u għaldaqstant ma kienx ġustifikabbli taħt is-sempliċi appell għad-dritt tal-liberta' ta' espressjoni.

4. Illi r-rikorrent qed jallega wkoll ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet illi tisfilza n-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-esponent Perit Michael Falzon.

4.1 Illi l-esponent ġja' kellu l-okkażżjoni jagħmel osservazzjonijiet in konnessjoni mal-isfilz tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu għaliex dan kien wieħed mill-aggravji mressaq mir-rikorrent Michael Falzon f'appell mertu ta' din il-kawża. L-esponent kien fil-fatt osserva li min-naħa tiegħu hu ressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tal-għeluq tiegħu fit-terminu mogħti lilu mill-Qorti, kuntrarju għal dak li kien jipprova jgħid il-Perit Falzon. Jekk ir-rikorrent Perit Michael Falzon kien jaf li se jkun tardiv fit-tressieq tan-nota tiegħu u kien jaf b'dan hu dejjem seta f'dak il-mument talab għall-estensjoni tat-terminu mogħti lilu. Mill-atti jirriżulta li dan ma sarx mir-rikorrent Falzon.

4.2 Illi l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick jgħidu *"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".* Dwar l-istess artikolu ingħad fis-sentenza **"Kostovski vs The Netherlands"** (deċiża 20 ta' Novembru 1989 intqal li, *"The effect of Article 6(1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".* Dan id-dritt ma jistax jiġi definit *a priori* u speċifikatament *stante* li l-istess prinċipju hawn kawtelat huwa tassew wiesa'. *Inoltre* fil-ktieb 'Article 6 of the European Convention on Human Rights –The Right to A Fair Trial' ta' Andrew Grotrian jingħad illi *"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in ana oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi fil-kuntest ta' dawn il-prinċipji huwa ċar li wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni l-proċess sħiħ u l-esponent huwa ta' fehma li m'hemmx dubju li l-ewwel Qorti kienet *nonostante* l-isfilz (ġustifikat) tan-nota ta' sottomissjonijiet, ben konsapevoli mill-linji difensjonali li kien qed jibbaża fuqhom r-rikorrent Perit Falzon fil-kawżi msemmija u l-istess sfilz ma kellux effett fuq ir-rekwisit ta' smigħ xieraq li għandu jiġi analiżżat fil-kuntest ta' *'the proceedings as a whole'.*

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Avukat Ġenerali, ippreżentata fil-21 ta' Marzu 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponent jissottometti bir-rispett illi jidher li dan ir-rikors m'huwiex għajr tentattiv sabiex tinkiseb reviżjoni tal-fatti tal-każ kif interpretati mill-Qorti fis-sentenzi mogħtija kontra r-rikorrent f'żewġ istanzi, u għalhekk bħala tali m'għandux jiġi kkonsidrat minn din il-Qorti, li la hi mistennija u lanqas inkarigati sabiex terġa tidħol fil-fatti tal-kawżi mogħtija kontra tiegħu.

Illi kif turi b'mod ċar il-ġurisprudenza Ewropeja dwar dan il-każ, is-*sede* Kostituzzjonali ma hi bl-ebda mod intiża sabiex tagħti lok għal lok għal appell minn appell. Huwa biss jekk jirriżulta li meta wieħed iqis l-assjem tal-proċeduri jiġi riskontrat nuqqas serju biżżejjed illi jwassal għal ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq li l-Qorti Ewropea tkun lesta tintervjeni sabiex tiċċensura l-lezjoni. Kif diġa' semma', fil-każ odjern l-esponent iħoss li r-rikorrent qed jilmenta sempliċiment għax ma jaqbilx mas-sentenza li ngħatat fl-appell, u allura qed jipprova juża l-allegati leżjonijiet ta' drittijiet fundamentali sabiex jattakka l-fatti stabbiliti mill-Qorti li wasslu għal sentenza avversa.

**<u>Ma seħħ ebda ebda ksur tad-dritt tar-rikorrent għal-liberta' tal-espressjoni.</u>**

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-Qrati tagħna, in konsonanza mal-Qorti Ewropea infisha, kemm-il darba tennew li artikolista għandu kull dritt jikkummenta dwar u jikkritika fatti li seħħew verament, anke jekk il-mod kif jikkummenta jkun pjuttost spint. Il-kummentarju huwa wara kollox dak li jagħti l-palat lill-fatti.

Illi pero dan ma jfissirx li tali kritika għandha tkun mingħajr limiti. L-iskop ta' informazzjoni ma jibqax aktar validu meta l-verita' tal-istess fatti msemmija fil-kitba jew kummentarju orali tali fid-dubju.

Illi fil-każ odjern ir-rikorrent mar *oltre* dik li tista' tiqies bħala kritika, għax bil-kummmentarju tiegħu ta x'jifhem lill-qarrej li l-intimat Dr Michael Falzon kellu jew setgħa jeżerċita xi tip ta' kontroll fuq il-Kummissarju tal-Pulizija tali li jaffettwa l-ħajja taċ-ċittadini Maltin l-oħrajn b'mod partikolari dawk ta' opinjoni politika opposta għal tiegħu. Mill-eżami tal-Qrati fil-Prima u Sekonda Istanza, irriżulta li tali kontroll jew influwenza ma tirriżulta b'ebda mod mill-fatti magħrufa dwar il-każ. Għaldaqstant, l-artikolu qiegħed fil-verita' jagħmel allegazzjoni li dwarha ma tressqet ebda prova oġġettiva, u għalhekk tqieset bħala ċensurabbli u li teċċedi l-limiti tal-*'kummerċ ġust jew kritika leċita'* li għandu dritt għaliha l-artikolist.

Illi huwa minn u li teżisti differenza bejn kritika pubblika dwar l-għemil ta' persuna li mhix pubblika u kritika lil persuna li għandha kariga politika magħrufa pubblikament. Iżda l-kwalita' 'pubblika' tal-persuna sottoposta għall-kritika ma tista' qatt tiġġustifika eċċessi. Fi kliem il-Qorti tal-Appell li ssintetiżżat abbilment il-bilanc li għandu jiġi milħuq.

*"dan ma jista' qatt ifisser li min ikun fil-politika għandu jiġi malafamat impunement; Jekk hemm bżonn jiġi, ex abundantia, ripetut, ukoll fiż-żminijiet storiċi tal-lum fejn il-manifestazzjoni tal-espressjoni ħielsa tifforma priċipju konsolidat li jippremeġġja fuq drittijiet oħra, sorta waħda l-eżerċizzju ta' din l-istess espressjoni libera hi mistennija li ssir entro l-limit ġusti ta' dak il-kanoni tal-verita' oġġettiva tal-fatti u tal-kontinenza, kif elaborata mid-dottrina u mill-*

*ġurisprudenza l-aktar progressiva f'tema ta' kronaka u ta' l-eżerċizzju tal-kritika".*

**Ebda leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

3. Illi *inoltre* lanqas ma tissussisti leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrent kellu smigħ xieraq kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll fl-appell. L-ewwel Qorti kellha kull dritt illi tisfilża n-nota tar-rikorrent ġaladarba dan ma ssottomettiex tali nota *entro* ż-żmien lilu konċess għal dan l-iskop. Huwa kompletament fid-diskrezjoni tal-Qorti jekk taċċettax jew le nota tardiva u dan bir-raġun: in-nuqqas ta' dixxiplina u ta' dixxiplina u ta' ubbidjenza min-naħa tal-partijiet għall-amar tal-Qorti jwassal inevitabbilment għal dewmien żejjed, u spiss allura għal sitwazzjoni fejn jekk il-Qorti ma toqgħdx b'seba' għajnejn tista' tagħti lok għal lanjanzi dwar dewmien irraġonevoli fl-għoti ta' sentenzi.

Illi fi kwalunkwe każ, *dato ma non concesso* illi seta' kien hemm xi nuqqas fil-mod kif l-ewwel Qorti ħarset lejn il-kwistjoni tas-sottomissjoni tardiva tan-nota tar-rikorrent odjern, is-smigħ fl-Appell kien il-mezz ipprovdut mis-sistema leġiżlattiva nazzjonali sabiex jiġi sanat kull nuqqas li seta' sar fil-Prim Istanza. Il-fatt li l-Qorti tal-Appell Inferjuri ma rriskontrat xejn mhux floku fl-aġir tal-ewwel Qorti, u għalhekk ma qablitx mar-rikorrent, ma jagħti ebda lok lill-istess rikorrent illi jilmenta minn nuqqas ta' smigħ xieraq.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrespinġi r-rikors odjern bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat l-atti proċesswali, kompriżi n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru 2011 fejn il-kawza ġiet differita għas-sentenza għall-14 ta' Marzu 2012, fejn reġgħet tħalliet għas-sentenza għat-30 ta' Marzu 2012 peress li kellu jiġi estiż it-terminu għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher ċar mill-espożizzjoni tal-fatti kontenuti fir-rikors promotur ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni li s-sentenzi msemmija fir-rikors kisru d-dritt fundamentali tagħhom u senjatament dawk kontenuti l-Artiklu 41 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artiklu 10 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi qabel ma l-Qorti tiddeċiedi dwar il-mertu trid l-ewwel tiddisponi minn numru ta’ eċċezzjonijet preliminari tal-intimat Dottor Falzon u tal-Avukat Ġenerali.

Illi l-ewwel eċċezzjoni ta’ Dottor Falzon hija li ma huwiex leġittimu kontradittur għaliex huwa qatt ma seta’ kien il-kaġun li jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti. Madankollu l-Qorti ma taqbilx għaliex huwa ċar li l-istess Dottor Falzon kien parti fil-proċess ġudizzjarju li qed jiġi attakkat u allura kellu nteress ċar li jiġi ċitat. Għalhekk din l-eċċezzjoni hija respinta.

Illi t-tieni eċċezzjoni tal-istess Dottor Falzon u l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali hija fis-sens li r-rikors promotur huwa abbużiv tal-proċess ġudizzjarju billi huwa biss tentattiv biex il-Qorti tagħti interpretazzjoni differenti tal-fatti tal-każ li hija differenti minn dik ġja’ mogħtija; fi kliem ieħor biex jinfetaħ mertu ta’ kawża li *gia* għaddiet in ġudikat.

Illi kif sewwa ġie osservat fin-nota tal-istess rikorrenti, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fil-kawża **“Mark Lombado et vs Kunsill Lokali Fgura”** (8 ta’ Jannar 2010) qalet illi:

*“Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m’għandhiex isservi bħala Qorti tat-tielet istanza u m’għandhiex tirrevedi proċeduri ta’ quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analiżi tal-fatt li dawn ikunu għamlu, biex sempliċiment timponi l-opinjonijiet tagħha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta’ din il-Qorti (u lanqas tal-Prim’ Awla fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-*

*deċiżjonijet tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispeċje tal-każ, ittieħdet b'mod li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. F'dan il-każ, ir-rikorrenti qed jallegaw li d-deċiżjoni kontra tagħhom tivvjola d-dritt tagħhom ta' liberta' ta' espressjoni kif sanċita fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem għal-liema Artikolu l-Ewwel Qorti għamlet ampja riferenza, u fl-Artikolu 41 tal-Kostitizzjoni."*

Illi ***prima facie*** għalhekk il-Qorti ma tistax tgħid li kawża simili ma tistax tiġi intavolata u tilqa' din l-eċċezjoni mingħajr ma tinvestiga jekk fil-fatt ir-rikorrenti humiex qed jitolbu reviżjoni tas-sentenza li għaddiet in ġudikat (xi ħaġa li ma jistgħux jagħmlu) jew li din il-Qorti tiddeċiedi kienx hemm infrazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-proċeduri in kwistjoni (li min-naħa l-oħra l-Qorti jekk mitluba tista' tagħmel). Dan ifisser allura li din il-Qorti trid teżamina l-kawżali li qed jipproponu r-rikorrenti biex tiddeċiedi dan il-kweżit.

Illi dawn ġew spjegati a fol 4 *et sequitur* tal-proċess u ċjoe' fir-rikors promotur; ir-rikorrenti jgħidu *inter alia,* illi l-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha *'irreferiet għall-allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet illi l-esponenti ma għamlux u ma implikawx lanqas lontamanent fl-artiklu'*. Hawnhekk ir-rikorrenti jiċċitaw partijiet mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn ingħad illi l-attur f'dik il-kawza *'immanipula lill-Kummissarju tal-Pulizija jew li dan tal-aħħar sofra xi pressjoni tali li mpedietu fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu'*. Huma jkomplu jgħidu li huma qatt ma għamlu dawn l-allegazzjonjiet u lanqas ma mplikawhom fl-artikolu in kwistjoni. Fl-aħħarnett fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, ir-rikorrenti ndikaw partijiet fis-sentenza tagħha (bħal li r-rikorrenti hu xi *deus ex machina* li jiġbed il-ħbula tal-Pulizija biex jilħaq l-għanijiet tiegħu) li fil-fehma tagħhom, huma nvenzjonijet imżewwqa li saru biss mill-istess Qorti.

Illi r-rikorrenti imbagħad jgħidu li l-Qorti tal-Appell injorat għal kollox is-sottomissjonijiet li għamlu u kkonfermat is-sentenza għal raġunijiet differenti minn dawk tal-Qorti tal-Maġistrati iżda dejjem fil-fehma tagħhom dawn ir-

raġunijiet kienu ugwalment gratwiti u li bl-ebda mod ma jirriżultaw.

Illi l-Qorti jidhrilha li kif sewwa eċċepew l-intimati, fil-parti l-kbira tar-rikors, ir-rikorrenti qed jittentaw reviżjoni ta' deċizjoni li għaddiet in ġudikat; u ftit huma l-indikazzjonijiet fir-<u>rikors promotur</u> li il-konklużjonijiet tal-Qorti kisru d-dritt fundamentali tagħhom. Huma qed jallegaw li l-Qorti tal-Maġistrati interpretat ħażin l-artikolu in kwistjoni iżda dan ma jfissirx li kien hemm ksur tal-artikoli ndikati minnhom. Wieħed jista' ma' jaqbilx mal-konklużjonijiet ta' sentenza tal-Qorti iżda dan ma jfissirx li b'daqshekk ikun hemm ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropeja. Hawn ta' min jgħid li fil-fatt, ir-rikorrenti lanqas għandhom għal kollox raġun meta jgħidu li huma qatt ma allegaw li l-attur f'dawk il-proċeduri mmanipola l-Kummissarju tal-Pulizija; l-istess artikolu infatti jsaqsi *'has not MLP Deputy Leader Michael Falzon successfully used the Police Force to control the freedom of an innocent law-abiding private citizen whom he suspected could be a political enemy?*' Naturalment hawn wieħed irid jidħol fil-kwistjoni jekk il-kelma *'used'* li niżżel l-artikolista tfissirx *'immanipula'* – dwar dan il-Qorti tikkumenta aktar 'il quddiem. Din il-konstatazzjoni apparti pero' jirriżulta ċar li r-rikors promotur – li naturalment dejjem huwa l-bażi ta' dak li l-Qorti għandha tieħu konjizzjoni – jinkludi biss kawżali waħda li tiġġustifika l-azzjoni odjern. Din tinsab fil-paragrafu 3.3 tar-rikors fejn huma kellhom kull dritt jippubblikaw dak li fil-fehma tagħhom kien *'value judgment'* dwar il-każ in kwistjoni; il-lanjanza dwar l-isfilz tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ma hijiex ġustifikata għaliex dik kienet miżura proċedurali li l-Qorti kellha kull raġun li tagħmel.

Illi r-rikorrenti ma humiex jgħidu per eżempju li l-Qrati msemmija biddlu l-binarju tal-kawża bi żvantaġġ għal min kien qed jiddefendi l-kawża – kif il-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet fil-kawża ta' **Lombardo** fuq imsemmija – jew għall-inqas fejn u kif l-proċeduri u s-sentenza in kwistjoni ħonqu d-dritt tal-espressjoni tagħhom. L-interpretazzjoni nnifisha tal-Qorti tal-Maġistrati ma jistax jingħad li kisret xi prinċipju kostituzzjonali anke jekk ir-rikorrenti jqisuha

bħala invenzjoni mżewqa; f'dak il-każ kien il-kompitu tal-Qorti tal-Appell li tirrevedi dawk il-konklużjonijiet. Jekk wieħed anke janalizża s-sentenza ta' dik il-Qorti, jidher ċar li din stħarrġet il-lanjanzi kollha tar-konvenuti f'dik il-kawza liema lanjanzi prattikament l-istess rikorrenti qed jerġgħu jipproponu **f'din il-kawża**. Naturalment mhux kompitu tal-Qorti illi tfittex hi, fejn ir-rikorrenti stess ma jindikawx, xi raġuni biex tkun tista' tiddikjara li l-proċess in kwistjoni wassal għal xi ksur tal-provvedimenti li l-istess rikorrenti qed jindikaw.

Għalhekk il-Qorti trid tara jekk id-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell (u tal-Qorti tal-Maġistrati billi dik is-sentenza hija konfermata) irristrinġietx il-liberta tal-espressjoni tar-rikorrenti. Hawn tajjeb wieħed jgħid li tista' tgħid bħal kull dritt fundamentali dan id-dritt mhuwiex bla limiti u l-istess artikoli msemmija mir-rikorrenti huma segwiti minn paragrafi illi jiddeskrivu kif. Anke l-Qorti Ewropeja fil-każ **"Verdius and Aase vs Norway"** qalet illi:

*"However it is to be recalled that article 10 of the Convention does not guarantee unlimited freedom of expression even for press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article, the exercise of this freedom carries with it 'duties and responsibilities' which also apply to the press. In a number of recent cases concerning restrictions on press freedom (see for instance the case of **"Bergens Tidende and others vs Norway"**) the Court has pointed out that these duties and responsibilities assume significance if the reputation of private individuals is under attack and the 'rights of others' may be undermined. Moreover by reason of the duties and responsibilities inherent in the exercise of freedom of expression, the safeguard afforded by article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism."*

Illi l-artiklu in kwistjoni jiftah billi l-awtur isemmi film li kien ra ftit qabel dwar kif kienet taħdem il-Pulizija Sigrieta tal-

Ġermanja tal-Lvant – il-famigerata Stasi; imbagħad jaqleb għal dak li ried jitkellem dwaru, u ċjoe' li l-konvenut Dottor Falzon ħassu urtat minn *e-mail* anonima li kien irċieva u rraporta dwar dan lill-Kummissarju tal-Pulizija. Jikkritika ħafna dan il-fatt u jgħid li l-persuna li bagħtet l-*e-mail* spiċċat biex ġiet investigata mill-Pulizija illi kkonfiskat il-*computer* tagħha għal xi jiem. Saqsa allura kif ġja' ngħad jekk Dr. Falzon *'użax'* il-Pulizija kontra avversarju politiku tiegħu. L-awtur jikkritika ħafna lill-Kummissarju tal-Pulizija li aġixxa fuq dak li qallu Dr. Falzon bil-mod imsemmi u jgħid li l-Ministru tal-Intern għandu jinvestiga dak li ġara. Fil-verita' l-Kummissarju huwa soġġett tal-kritika tal-awtur daqs jekk mhux aktar minn Dr. Falzon.

Illi din il-Qorti ma tasalx biex tgħid li l-kelma *"uses"* tfisser *'immanipula'* kif qalet il-Qorti tal-Maġistrati madankollu xorta timplika element ta' abbuż fil-kuntest tal-artikolu. Fir-rigward ta' Dr. Falzon il-kritika tal-artiklu hija fis-sens li huwa approfitta ruħu mill-fatt li kien Deputat Mexxej ta' partit politiku ewlieni biex jagħmel pressjoni fuq il-Pulizija ħalli jittieħdu dawk il-passi u jiġi persgwitat ċittadin innoċenti. Fil-verita' kull min iħoss li sar xi reat fil-konfront tiegħu għandu dritt illi jirraporta lill-Pulizija u sta imbagħad għall-istess Pulizija li tieħu l-passi jew le skond il-każ. Anke r-riferenza għal Stasi fil-bidu tal-artikolu, għalkemm ma hijiex b'riferenza diretta għal Dr. Falzon xejn ma hija feliċi u fil-moħħ tal-qarrej twassal xebħ li għalkemm forsi ma kienx intenzjonat iħalli impressjoni ta' azzjoni simili għal oħra.

Illi kollox ma' kollox għalhekk il-Qorti ma tħossx li s-sentenzi lamentati kisru d-dritt tal-espressjoni tar-rikorrenti għaliex fl-artikolu in kwistjoni dawn naqsu li jżommu l-bilanċ bejn l-espressjoni ta' dak id-dritt u d-drittijiet ta' terzi – anke jekk it-terz involut huwa persuna pubblika u ċertament soġġetta għall-kritika ħafna aktar minn ċittadin privat u li ċertament anke fl-isfond ta' sentenzi riċenti anke l-Qrati tagħna u mhux biss dawk Ewropej huwa aċċettat li persuna pubblika għandha tkun lesta li toqgħod għall-kritika u skrutinju tal-*media* ħafna aktar minn waħda privata (ara per eżempju s-sentenza riċenti tal-Qorti tal-

Appell fl-ismijiet **"Dottor Louis Galea vs Joseph Mifsud"**).

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, tilqa' t-tieni (markata 2.1) u tielet eċċezzjoni tal-intimat Dottor Falzon u t-tieni u tielet eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**L-ispejjeż tal-kawża a kariku tar-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------